**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 20 ta' April 2001**

**Numru 7**
**Citaz. Nru. 897/96 FDP**

**Jeffrey Caruana**
**Vs**
**George Debono**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li gie pprezentat fl-20 ta' Marzu 1996 fejn gie premess:-

Illi fit-18 ta' Mejju 1995 waqt li l-istanti kien isuq Escort numru N-1095 f'Haz-Zebbug din sfat involuta f'habta mal-car Maruti numru V-5059 misjuqa mill-konvenut u garbet hsarat;

Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti l-konvenut minhabba mperizja, negligenza,

imprudenza u inosservanza tar-regolamenti izda dan irid jaccetta biss parti mill-htija;

Illi kagun ta' l-incident l-istanti sofra danni ammontanti ghal seba' mija tnejn u erbghin lira u sebgha u hamsin centezmu;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni kollha li b'rizultat ta' l-istess sofra l-istanti;

2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm742.57c jew somma verjuri li tillikwida l-istess Qorti occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istanti l-ammont hekk likwidat u dikjarat bhala dovut in linea ta' danni;

Bl-ispejjez, komprizi Lm11.50 ta' ittri u konsulti, dawk ta' l-ittra ufficjali tallum lill-assiguraturi tal-konvenut (Gasan Insurance Agency Limited noe) ai termini tal-Kap 104, u bl-imghax minn notifika ta' din c-citazzjoni kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati, u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit:-

1. Referibbilment ghall-ewwel talba, l-incident awtomobilistiku *de quo* gara tort taz-zewg kontendenti fi proporzjon ta' zewg terzi / terz kontra l-eccipjent;

2. It-tieni talba ta' l-attur saret inutilment billi l-eccipjent kien qabel li d-danni ta' l-attur kienu fit-totalita` taghhom jammontaw ghal seba' mija tnejn u erbghin lira u sebgha u hamsin centezmu (Lm742.57c);

3. It-tielet talba ta' l-attur ghandha tkun michuda billi l-eccipjent ried ihallas lill-attur zewg terzi tad-danni tieghu li, wara li debita kompensazzjoni ma' terz tad-danni ta' l-eccipjent, lahqu l-ammont ta' tlett mija tlieta u ghoxrin lira (Lm323) liema somma giet depozitata taht l-awtorita` ta' din il-Qorti permezz ta' cedola ta' depozitu numru 867/95 (Dok. 4) wara rifjut da parti ta' l-attur;

4. L-eccipjent ma ghandux ibati spejjez gudizzjarji;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat in-nota guramentata ta' l-istess konvenut, il-lista tax-xhieda minnu indikatu u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat il-kontro-talba ta' l-istess konvenut fejn huwa ippremetta:-

Illi fit-18 ta' Mejju 1995 waqt li l-konvenut kien qed isuq car Maruti numru V-5059 gewwa Mdina Road, Zebbug huwa safa' involut f'incident awtomobilistiku mal-car Escort numru N-1095 misjuqa mill-attur;

Illi bhala konsegwenza ta' l-incident, il-konvennut garrab danni ammontanti ghal hames mija u erbatax-il lira (Lm514);

Illi l-attur ikkontribwixxa fir-responsabilita` ghall-incident fi proporzjon ta' terz;

Illi l-attur interpellat biex ihallas terz tad-danni tal-konvenut baqa' inadempjenti;

Talab ghalhekk il-konvenut lill-din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-attur responsabbli ghall-incident fuq riferit fi proporzjon ta' terz;

2. Tillikwida d-danni tal-konvenut fl-ammont ta' hames mija u erbatax-il lira (Lm514) occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tiddikjara li l-ammont ta' mija tnejn u sebghin lira (Lm172) dovut lill-konvenut mill-attur in linea ta' danni gie saldat wara

d-debita kompensazzjoni ma' parti mid-danni li kienu dovuti lill-attur mill-konvenut bhala konsegwenza ta' l-istess incident;

Bl-ispejjez kontra l-attur;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut rikonvenzjonant, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur Jeffrey Caruana ghall-kontro-talba ta' George Debono fejn gie eccepit illi:-

1. L-ewwel kontro-talba ghandi tigi michuda ghax l-esponent ma kien jahti xejn ghall-incident;

2. Isegwi, referibbilment ghat-tieni talba li m'hemm ebda danni ta' George Debono x'jigu likwidati fil-konfront ta' l-esponent;

3. Jizdied isegwi, referibbilment ghat-tielet talba li l-esponent m'ghandux x'jikkompensa lil George Debono;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat is-sottomissjonijiet ta' l-attur ta' l-1 ta' Frar 2001;

Ikkonsidrat:-

Provi:

Verzjoni ta' l-attur:

Illi l-attur fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu xehed illi dak in-nhar ta' incident, u cioe` fit-18 ta' Mejju 1995 ghall-habta tas-6:3O p.m. huwa kien qed isuq il-vettura tieghu tal-marka Escort Numru ta' registrazzjoni N-1095 f'Mdina Road, sejjer min-naha tar-Rabat lejn il-Bieb ta' Haz-Zebbug, meta l-konvenut, li kien ipparkjat man-naha l-ohra tat-triq bil-vettura tieghu Maruti Numru ta' Registrazzjoni V-5059, ghamel U-turn u nvada u fixkel il-passagg tieghu, li ghalkemm ibbrejkja xorta saret il-habta. Kontro-ezaminat huwa xehed illi kien ghaddej b'madwar 60 mfs. Bl-impatt jghid li mbotta l-vettura tal-konvenut madwar tul ta' nofs karozza 'l quddiem. "*Meta dhalt fil-vettura tal-konvenut hu kien ghadu ma dahalx dritt dritt fit-triq u kien ghalhekk li jien lqattu fuq parti wahda minn wara u mhux fuq wara kollu. ... Meta lqatt il-vettura tal-konvenut, il-vettura tieghu kienet kwazi wieqfa. Kien qisu qed jaqleb il-gear.*"

Illi x-xhud tieghu, Darren Micallef, li dak il-hin kien fuq il-bankina ta' Mdina Road fl-affidavit tieghu xehed illi huwa ra '*... car griza li minn wiccha jhares lejn ir-Rabat, ghamlet U-turn u marret in-naha l-ohra tat-triq biex tigi wiccha ghal Hal Qormi ... L-Escort ibbrejkjat imma xorta laqtet dik il-car l-ohra. Din il-car l-ohra*

*ntlaqtet fuq il-wara taghha - dana sar bil-faccata tal-car Escort ta' Caruana."* Kontro-ezaminat huwa qal illi l-ewwel ma ra kienet il-vettura tal-konvenut qed taghmel U-turn. Malli ra hekk huwa hares lejn id-direzzjoni tar-Rabat u grat id-daqqa bejn iz-zewg vetturi. Il-vettura ta' l-attur huwa raha ma' l-impatt, jigifieri kif habtet mal-vettura tal-konvenut;

Verzjoni tal-konvenut:

Illi l-konvenut George Debono fl-affidavit tieghu xehed illi l-incident gara meta huwa kien gia dahal fil-parti tat-triq li taghti ghal Hal Qormi u kien saq madwar zewg tulijiet ta' vettura. Dak il-hin sama' brake qawwi u daqqa li mbottat il-vettura tieghu 'l quddiem. Kontro-ezaminat huwa xehed illi qabel ma gie biex jikser, il-vettura ta' l-attur ma rahiex. Imbaghad f'xi hin sama' brake, hares mill-mera u ra l-vettura tal-konvenut gejja fuqu. Zied jghid li l-vettura ta' l-attur raha gejja minn certu distanza peress li l-bicca fid-dritt ta' Mdina Road hija twila;

Illi x-xhud tieghu Kevin Micallef, li dak in-nhar kien front seat passenger fil-vettura misjuqa mill-konvenut fl-affidavit tieghu xehed illi qabel ma l-konvenut dar fuq il-lemin huwa hares fil-faccata ghal traffiku niezel mir-Rabat. Huwa (jigifieri x-xhud) ma rax traffiku gej minn hemm. Kontro-ezaminat xehed illi: *"Ghalkemm jiena ma kontx daqshekk attent pero' nghid illi jiena innotajt li mid-direzzjoni tar-Rabat ma kienx gej traffiku ..."*. Huwa xehed illi: *"Wara li ghamel il-U-turn u gie dritt bil-vettura thares lejn Hal*

*Qormi nisma' brake minn warajna mbaghad daqqa fuq wara minn vettura li giet mid-direzzjoni tar-Rabat."*

Skizz u okkorrenza:

Illi skond l-iskizz (fol 40) id-distanza ta' bejn il-vetturi kienet ta' 9.45m, u dan kif ikkonferma l-PS200 Benjamin Calleja fix-xhieda tieghu quddiem l-Assistent Gudizzjarju. Il-brake marks li halliet il-vettura ta' l-attur huma ta' 2.81 metru (lemin) u 38.7 metru (xellug). L-istess Spettur Calleja ikkonferma dawn il-kejlijiet fix-xhieda tieghu fl-Udjenza tat-28 ta' Jannar 1997. Dwar il-hsarat, l-istess Calleja ikkonferma li dawn kienu fuq in-naha ta' quddiem fir-rigward tal-vettura ta' l-attur, u fuq in-naha ta' wara fir-rigward tal-vettura tal-konvenut;

Kunsiderazzjonijiet:

Il-U-turn:

Illi l-konvenut u x-xhud tieghu isostnu li qabel ma saret il-U-turn il-vettura ta' l-attur ma kinitx tidher. Fil-kontro-ezami tieghu il-konvenut qal li l-bicca fid-dritt ta' Mdina Road hija twila. Pero` ghalkemm jghid li hares qabel ma gie biex jikser, il-vettura ta' l-attur xorta ma rahiex. Minkejja dan, hekk kif huwa dar fid-direzzjoni opposta (skond hu, kien diga` saq zewg tulijiet ta' karozza) sema' brake u ra l-vettura ta' l-attur gejja fuqu. Il-Qorti allura tistaqsi: kemm hares sew il-konvenut qabel ma ddecida li

jittenta l-manuvra? Hares lejn it-tul kollu li taghti it-triq? Il-vettura ta' l-attur ma dehritx ghal kollox, jew dehret il-boghod hafna tant il-konvenut assuma li ser jilhaq jidhol fit-triq qabel ma tilhqu? Jista' wiehed jaghmel U-turn fi triq bhal Mdina Road?

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza Dr Remigio Zammit Pace noe et vs George Despott 24/02/97 Cit Nru 364/93GV fejn il-Qorti kienet spjegat illi ma jistghux jigu dettati regoli fissi ghal meta U-turn hi konsiljabbli jew le. Ghalkemm tista' ssir bla perikolu f'toroq li ma tantx jintuzaw, f'toroq battuti sew mit-traffiku wiehed ghandu juza grad gholi ta' attenzjoni ghax U-turn mhix manuvra li sewwieqa ohra jistennew. Wiehed ghandu jevalwa sew ic-cirkostanzi tal-kaz. *"Fost dawn jidhol ukoll l-angolu u tul possibbli ta' vizwalita` ghad-driver li jkun sejjer jaghmel dik il-manuvra. Hu obbligu ta' kull driver li f'kull hin u kull mument ikun in kontroll tali tal-vettura tieghu li jista' jevita incident, ghax id-dover ta' attenzjoni fuq it-triq hu kostanti u ininterrott." Il*-Qorti kompliet tispjega illi l-obbligu ta' dak li qed jaghmel il-U-turn mhux biss li jibda l-manuvra izda li jikkompletaha b'sikurezza ghalih u ghal haddiehor;

Illi fil-kaz in kwistjoni jidher li kien hemm vizwali tajba pero` wiehed irid ukoll jikkalkula li ser ikollu bizzejjed hin mhux biss biex jaghmel il-"U" tal-U-turn izda ukoll biex jilhaq jaccellera ftit qabel ma jilhquh xi karozzi li jkunu gejjin minn warajh. Wiehed irid jifhem li fi triq principali bhal ma hi Mdina Road il-vetturi jkunu ghaddejjin bi speed sostanzjali u

ghalhekk wiehed m'ghandux jingombra u jfixkel il-passagg taghhom;

Illi jidher li meta l-habta saret il-konvenut kien diga` dahal fit-triq fid-direzzjoni lejn Hal Qormi. L-attur jghid li meta grat il-habta il-vettura tal-konvenut kienet kwazi wieqfa, donnu l-konvenut kien qed jaqleb il-gear. Ghalhekk jidher li l-manuvra tal-konvenut ma kinitx kompletata ghal kollox. Jidher li meta l-attur ra l-vettura tal-konvenut quddiemu il-konvenut kien ghadu jibda jew ghadu kif beda jaccellera. Dan huwa konfermat mix-xhud ta' l-attur, Darren Micallef, li xehed illi kif ra l-konvenut jaghmel il-U-turn huwa hares lejn id-direzzjoni tar-Rabat u dak il-hin saret il-habta. F'dan l-istadju l-manuvra ma tistax tigi kkunsidrata bhala kompletata mija fil-mija. Jidher li ghalkemm il-konvenut ikkalkula li se jikkompleta l-U-turn ma rnexxielux jikkompletaha b'sikurezza ghalih u ghal haddiehor;

<u>Speed ta' l-attur</u>:

Illi fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu il-konvenut jghid illi l-incident gara tort taz-zewg sewwieqa. Huwa mhux qed jichad li ghandu xi tort. Jghid illi huwa kellu htija ghax ma kienx tempestiv fid-dhul tieghu ghal dik il-parti ta' Mdina Road li tiehu ghal traffiku gej mir-Rabat. Pero` jinsisti li l-attur ghandu htija ukoll peress li kien ghaddej bi speed sperikolat u inadatt ghal-lokalita` ta' l-incident, u ghalhekk intavola l-kontro-talba;

Illi skond l-isketch il-vettura tal-konvenut spiccat 9.45 metru 'l quddiem mill-vettura ta' l-attur. L-attur jinsisti li l-vettura tal-konvenut waddabha biss nofs tul ta' karozza 'l quddiem. Dwar l-ispeed huwa jghid li ma kienx ghaddej b'aktar minn 60 mfs. Huwa ikkonferma illi fejn grat il-habta hemm bini fuq iz-zewg nahat tat-triq. Ghalhekk huwa ammetta li kien ghaddej b'aktar mir-regola. Skond l-isketch l-attur halla brake-marks ta' 2.81m (lemin) u ta' 38.7m (xellug). Ghalkemm dawn il-figuri gew ikkonfermati da parti ta' l-ispettur il-Qorti ma tistax tifhem kif hemm din id-diskrepanza hekk kbira bejn il-marki li hallew iz-zewg roti. Aktarx huwa l-kaz li xi punt decimali gie indikat hazin fuq il-prime note ta' l-ispettur u dan rega' tnizzel hazin fuq l-isketch. Kieku l-Qorti kellha toqghod fuq l-itwal brake-mark li halliet il-vettura ta' l-attur, u cioe` 38.7m, dawn bejn wiehed u iehor juru speed ta' 80km/s. Dan l-ispeed huwa l-massimu tal-limitu f'zoni mhux abitati. Fil-kaz in kwistjoni dik il-parti tat-triq kellha bini fuq iz-zewg nahat u ghalhekk il-limitu hemmhekk kien ta' 50km/s. Ghalhekk jekk l-attur ecceda il-limitu, dan ghamlu b'xi 30km/s izjed, pero` dejjem jekk wiehed kellu jqis li l-brake marks kienu ta' 38.7m, li dwar dan il-Qorti ghandha d-dubbji;

Il-Qorti terga' taghmel riferenza ghas-sentenza Zammit Pace vs Despott fejn il-Qorti kienet ikkwotat mis-sentenzi S. Mizzi vs J. Grech (23/03/72) u A. Bartolo vs K. Micallef (16/02/73) is-segwenti:

*"Il-fatt li sewwieq ikun qed isuq karozza b'velocita` eccedenti l-ispeed massimu tar-*

*regolament, jekk dan ma jkunx il-kawza determinanti tal-kollizjoni, huwa m'ghandux jinstab responsabbli lanqas fi grad ta' kontributorjeta` purche` l-ispeed tieghu ma jkunx dak li jista' jissejjah 'sfrenat'";*

Il-Qorti ma thossx li l-ispeed li bih kien ghaddej l-attur kien sfrenat. Anke jekk ghall-grazzja ta' argument kellu jitqies li effettivament halla brake-mark ta' 38.7m dan ifisser li kien ghaddej bi speed ta' zona inabitata f'zona abitata, izda hawnhekk ukoll wiehed irid iqis li t-triq hija wahda principali u mhux sekondarja. Tenut kont ta' dan kollu ghalhekk il-Qorti ma jidhrilhiex li l-ispeed kien sperikolat u hija sodisfatta illi l-kawza determinanti tal-kollizjoni kienet il-manuvra tal-konvenut.

<u>Danni</u>:

Illi l-attur qed jitlob danni fl-ammont ta' Lm742.57. Mill-ircevuti esebiti jirrizulta li d-danni jammontaw ghal Lm739.12, izda l-konvenut fit-tieni eccezzjoni tieghu jghid illi huwa jaqbel li d-danni jammontaw ghal Lm742.57.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tichad it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut u;

Tilqa' l-Ewwel Talba ta' l-attur fic-citazzjoni u tiddikjara l-konvenut responsabbli ghall-incident

imsemmi u ghad-danni kollha li b'rizultat ta' l-istess sofra l-attur;

Tilqa' t-Tieni Talba u tillikwida d-danni fl-ammont ta' seba' mija u tnejn u erbghin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm742.57);

Tilqa' t-Tielet Talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' seba' mija u tnejn u erbghin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm742.57).

Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba fic-citazzjoni kontra l-konvenut.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur